IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 9 – PART 1/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Anness II

Noti:

Riżervi għal miżuri futuri

1. L-Iskeda ta' Parti għal dan l-Anness tistabbilixxi, skont l-Artikoli 8.15 (Riżervi u eċċezzjonijiet), 9.7 (Riżervi), 14.4 (Riżervi), u, għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.10 (Riżervi u eċċezzjonijiet), ir-riżervi meħuda minn dik il-Parti fir-rigward ta' setturi, sottosetturi jew attivitajiet speċifiċi li għalihom hija tista' żżomm jew tadotta miżuri eżistenti jew miżuri ġodda aktar restrittivi li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

   (a) L-Artikoli 8.6 (Trattament nazzjonali), 9.3 (Trattament nazzjonali) jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.3 (Trattament nazzjonali);

   (b) L-Artikoli 8.7 (It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 9.5 (It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.4 (It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit);

   (c) L-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq), 9.6 (Aċċess għas-Suq) jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.6 (Aċċess għas-Suq);

   (d) Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni);

   (e) L-Artikolu 8.8 (Maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi) jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.8 (Maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi);

(f) għall-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 13.7 (Provvista transfruntiera tas-servizzi finanzjarji); jew

(g) Artikolu 14.3 (Obbligi)

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) **Is-Settur** jirreferi għas-settur ġenerali li fih tittieħed ir-riżerva;

(b) **Is-Sottosettur** jirreferi għas-settur speċifiku li fih tittieħed ir-riżerva;

(c) **Il-Klassifikazzjoni tal-Industrija** tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta bir-riżerva skont CPC, ISIC rev 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'riżerva ta' Parti;

(d) **It-Tip ta' Riżerva** tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih tittieħed riżerva;

(e) **Id-Deskrizzjoni** tistipula l-ambitu tas-settur, sottosettur jew attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(g) **Il-Miżuri Eżistenti** jidentifikaw, għal finijiet ta' trasparenza, il-miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, sottosettur jew attivitajiet koperti mir-riżerva.

4. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, l-elementi kollha tar-riżerva għandhom jiġu kkunsidrati. L-element tad-**Deskrizzjoni** għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

5. Riżerva meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-livell nazzjonali kif ukoll miżura ta' gvern fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Riżerva meħuda mill-Kanada fuq livell nazzjonali tal-gvern jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tapplika għal miżura ta' gvern fuq livell reġjonali, provinċjali, territorjali jew lokali f'dak il-pajjiż.

6. Fejn Parti żżomm miżura li teħtieġ li fornitur tas-servizzi jkun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti jew residenti tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz fit-territorju tagħha, riżerva għal dik il-miżura meħuda fir-rigward ta' negozju transfruntier f'servizzi għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-investiment, sal-limitu ta' dik il-miżura.

7. Riżerva għal miżura li teħtieġ li fornitur tas-servizzi jkun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti jew residenti tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz finanzjarju fit-territorju tagħha meħuda fir-rigward tal-Artikolu 13.7 (Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji) għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-Artikoli 13.3 (Trattament nazzjonali), 13.4 (It-trattament tan-nazzjon l-aktar favorit), 13.6 (Aċċess għas-Suq) u 13.8 (Maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi), sal-limitu ta' dik il-miżura.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Anness inkluż l-Iskeda ta' kull Parti ta' dan l-Anness:

   ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, *ISIC rev* 3.1, 2002.

9. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea għal dan l-Anness:

AT L-Awstrija
BE Il-Belġju
BG Il-Bulgarija
CY Ċipru
CZ Ir-Repubblika Ċeka
DE Il-Ġermanja
DK Id-Danimarka
UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha
ES Spanja
EE L-Estonja
FI Il-Finlandja
FR Franza
EL Il-Greċja
HR Il-Kroazja
HU L-Ungerija
IE L-Irlanda
IT L-Italja
LV Il-Latvja
LT Il-Litwanja
LU Il-Lussemburgu
MT Malta
NL In-Netherlands
PL Il-Polonja
PT Il-Portugall
RO Ir-Rumanija
SK Is-Slovakkja
SI Is-Slovenja
SE L-Iżvezja
UK Ir-Renju Unit

L-Iskeda tal-Kanada
Riżervi applikabbli fil-Kanada
(applikabbli fil-Provinċji u t-Territorji kollha)

Riżerva II-C-1

Settur:	Affarijiet tal-aboriġini
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura li ċċaħħad l-investituri tal-Unjoni Ewropea u l-investimenti tagħhom, jew il-forniturи ta' servizzi tal-Unjoni Ewropea, minn drittijiet jew preferenzi pprovduti lill-popli tal-aboriġini.
Miżuri Eżistenti:	L-*Att tal-Kostituzzjoni, 1982*, li hija l-Iskeda B għall-*Att tal-Kanada 1982* (ir-Renju Unit), 1982, c. 11

Riżerva II-C-2

Settur:	Agrikoltura
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura relatata ma' arranġamenti kollettivi ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, li tinkludi attivitajiet bħalma huma l-produzzjoni, il-prezzijiet, ix-xiri, il-bejgħ jew kull attività oħra li tipprepara l-prodott f'forma, jew tagħmlu disponibbli f'post jew f'ħin, għax-xiri, għall-konsum jew għall-użu.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-3

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. British Columbia, New Brunswick, Nova Scotia, Nunavut, Prince Edward Island, Quebec, it-Territorji tal-Majjistral, u Yukon, jirriżervaw id-dritt li jadottaw jew iżommu miżura rigward intrapriża tal-Kanada li huwa investiment kopert li jeħtieġ 25 fil-mija jew anqas tal-bord tad-diretturi, jew kwalunkwe kumitat tagħha, sabiex tkun ta' nazzjonalità partikolari. Emenda għal miżura msemmija hawn fuq ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, billi din kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, bl-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu Tmienja (Investiment). 2. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi li sa 50 fil-mija tal-bord tad-diretturi ta' intrapriża li huwa investiment kopert ikun ordinarjament residenti fil-Kanada. L-għoti ta' residenza lil ċittadin tal-Unjoni Ewropea li jkun inħatar fil-bord tad-diretturi ta' intrapriża li tkun investiment kopert isir f'konformità mal-liġi Kanadiża dwar id-dħul ta' ċittadini barranin. Madankollu, ċittadin tal-Unjoni Ewropea ma għandux ikun suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi biss għall-iskop tal-ħatra għall-bord tad-diretturi.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-4

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura relatata ma' rekwiżiti ta' residenza għas-sjieda ta' art quddiem l-oċean minn investituri tal-Unjoni Ewropea jew l-investimenti tagħhom.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-5

Settur:	Sajd
Sottosettur:	Is-sajd u s-servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 04, 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali It-trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tal-arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' negozjar kollettiv għal ħut u prodotti tal-ikel tal-baħar, u l-għoti ta' liċenzji tas-sajd jew attivitajiet relatati mas-sajd, inkluż id-dħul ta' bastimenti tas-sajd barranin fiż-żona ekonomika esklużiva, il-baħar territorjali, l-ilmijiet interni jew il-portijiet tal-Kanada, u l-użu ta' kull servizz hemmhekk. 2. Il-Kanada għandha tfittex li tagħti lil bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, lil bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera ta' kwalunkwe Stat barrani.
Miżuri Eżistenti:	*Att dwar is-Sajd,* R.S.C. 1985, c. F-14 *Att dwar il-Ħarsien tas-Sajd Kostali*, R.S.C. 1985, c. C-33 *Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Sajd Kostali,* C.R.C. 1978, c. 413 *Politika ta' Ħruġ ta' Liċenzji tas-Sajd Kummerċjali* *Il-Politika dwar l-Investiment Barrani fis-Settur tas-Sajd Kanadiż,* 1985 *Att dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ħut tal-Ilma Ħelu*, R.S.C. 1985, c. F-13

Riżerva II-C-6

Settur:	Is-Servizzi Finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi relatati ma’ swieq tas-sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPS 8132
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura relatata mal-akkwist, il-bejgħ jew dispożizzjoni oħra minn ċittadini tal-Unjoni Ewropea ta’ bonds, kambjali tat-teżor jew tipi oħra ta’ titoli ta’ dejn maħruġa mill-Gvern tal-Kanada jew mill-gvern sottonazzjonali Kanadiż.
Miżuri Eżistenti:	*Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja*, R.S.C. 1985, c. F-11

Riżerva II-C-7

Settur:	Industriji tal-ikel, tax-xorb u tad-droga
Sottosettur:	Hwienet tal-likur, l-inbid u l-birra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 241, 242, 243, 62112, 62226, 63107
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-*Att dwar l-Importazzjoni ta' Likuri Intossikanti* jagħti lil kull gvern provinċjali monopolju ta' importazzjoni fuq il-likuri intossikanti li jidħlu fit-territorju tiegħu.
Miżuri Eżistenti:	*Att dwar l-Importazzjoni ta' Likuri Intossikanti*, R.S.C. 1985, c. I-3

Riżerva II-C-8

Settur:	L-Affarijiet tal-Minoranzi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti drittijiet jew privileġġi ta’ minoranza żvantaġġjata soċjalment jew ekonomikament.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-9

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tal-provvista tal-infurzar tal-liġi pubblika u servizzi korrettivi, kif ukoll is-servizzi li ġejjin sa fejn dawn ikunu servizzi soċjali stabbiliti jew miżmuma għal skop pubbliku: sigurtà jew assigurazzjoni fuq id-dħul, sigurtà jew assigurazzjoni soċjali, assistenza soċjali, edukazzjoni pubblika, taħriġ pubbliku, saħħa, u kura tat-tfal.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-10

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tal-provvista ta' servizzi soċjali mhux riżervati mod ieħor taħt ir-Riżerva tagħha II-C-9 fir-rigward tas-servizzi soċjali. 2. Din ir-riżerva ma testendix għall-adozzjoni ta' miżura ġdida li timponi limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani fil-provvista ta' dawn is-servizzi soċjali.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-11

Settur:	Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-12

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' trasport permezz ta' linji tal-pajpijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPS 713
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tal-ħruġ ta’ ċertifikati għat-trasport tal-fjuwil bil-pajpijiet.
Miżuri Eżistenti:	*Att dwar il-Bord tal-Enerġija Nazzjonali*, R.S.C. 1985, c. N-7

Riżerva II-C-13

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru, kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tal-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru. 2. Għal aktar ċertezza, din ir-riżerva ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Kanada skont *il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha*, magħmul fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2009 u f'Ottawa fit-18 ta' Diċembru 2009.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-14

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Xogħol ta’ kostruzzjoni ta’ passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra relatati mal-ilma Servizzi ta’ trasport permezz ta’ bastimenti tal-baħar jew bastimenti mhux tal-baħar Appoġġ u servizzi oħra ta’ trasport tal-ilma Kwalunkwe attività oħra tal-baħar ta’ natura kummerċjali mwettqa minn bastiment kif stabbilit fl-element ta' Deskrizzjoni hawn taħt
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 5133, 5223, 721, 722, 745, u kwalunkwe attività marittima oħra ta’ natura kummerċjali mwettqa minn bastiment
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi, u Servizzi ta’ Trasport Marittimu Internazzjonali** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura li taffettwa l-investiment jew il-provvista ta’ servizzi ta’ kabotaġġ marittimu, inkluż: (a) it-trasport ta’ merkanzija jew ta’ passiġġieri permezz ta’ bastimenti bejn il-punti fit-territorju tal-Kanada jew ’il fuq mill-blata kontinentali tal-Kanada, direttament jew permezz ta’ post barra mill-Kanada; iżda fir-rigward tal-ilmijiet 'il fuq mill-blata kontinentali tal-Kanada, it-trasport tal-merkanzija jew passiġġieri biss b’rabta mal-esplorazzjoni, l-użu jew it-trasport ta’ riżorsi naturali minerali jew mhux ħajjin tal-blata kontinentali tal-Kanada; u

(b) l-involviment minn bastiment fi kwalunkwe attività marittima oħra ta’ natura kummerċjali fit-territorju tal-Kanada u, fir-rigward ta’ ilmijiet 'il fuq mill-blata kontinentali, f’tali attivitajiet marittimi oħra ta’ natura kummerċjali li huma f’relazzjoni mal-esplorazzjoni, l-użu jew it-trasport ta’ riżorsi naturali minerali jew mhux ħajjin tal-blata kontinentali tal-Kanada.

2. Din ir-riżerva tirrigwarda, fost l-oħrajn, għal limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għal fornituri tas-servizzi intitolati li jipparteċipaw f’dawn l-attivitajiet, għal kriterji għall-ħruġ ta’ liċenzja temporanja ta’ kabotaġġ għal bastimenti barranin, u għal limiti fuq in-numru ta’ liċenzji ta' kabotaġġ maħruġa għal bastimenti barranin.

3. Għal aktar ċertezza, din ir-riżerva tapplika, fost affarijiet oħra, għal attivitajiet marittimi ta’ natura kummerċjali mwettqa minn bastiment, inklużi servizzi għat-twassil ta' merkanzija u l-ippożizzjonar mill-ġdid ta’ kontejners vojta.

4. Din ir-riżerva ma tapplikax għal miżura relatata mal-investiment jew il-provvista ta’ servizzi ta’ kabotaġġ marittimu li ġejjin magħmula minn bastiment operat minn intrapriża tal-Unjoni Ewropea, jew bastiment operat minn intrapriża ta’ pajjiż terz[1] li tappartjeni jew hija kontrollata minn ċittadin tal-Unjoni Ewropea jekk dak il-bastiment huwa rreġistrat skont il-liġijiet ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea:

(a) ripożizzjonament ta' kontejners vojta li huma proprjetà jew li huma mikrija fuq bażi li ma jiġġenerax dħul;

[1] Il-Kanada tirriżerva d-dritt li ma testendix dawn il-benefiċċji lil intrapriżi tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(b) (i) trasport preliminari jew ulterjuri ta' merkanzija internazzjonali bejn il-Port ta' Halifax u l-Port ta' Montreal, u bejn il-Port ta' Montreal u l-Port ta' Halifax, bl-użu ta' bastimenti rreġistrati fl-ewwel reġistri (nazzjonali) msemmija fil-punt 1 tal-Anness għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu; u

(ii) trasport preliminari jew ulterjuri ta' merkanzija fil-kontejners bejn il-Port ta' Halifax u l-Port ta' Montreal, u bejn il-Port ta' Montreal u l-Port ta' Halifax, bħala vjaġġ wieħed flimkien ma' komponent internazzjonali, bl-użu ta' bastimenti rreġistrati fl-ewwel (nazzjonali) jew it-tieni (internazzjonali) reġistri msemmija fil-paragrafi 1, 2, u 4 tal-Anness għal komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu; jew

(ċ) tħammil.

Miżuri Eżistenti:

Att dwar in-Negozju Kostali, S.C. 1992, c. 31

Att dwar it-Tbaħħir fil-Kanada, 2001, S.C. 2001, c. 26

Att Doganali, R.S.C. 1985 (It-tieni Supp.), c. 1

Att dwar l-Applikazzjoni tad-Dogana u d-Delokalizzazzjoni Fiskali, R.S.C. 1985, c. C-53

Riżerva II-C-15

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta’ trasport permezz ta’ bastimenti tal-baħar jew bastimenti mhux tal-baħar Servizzi ta’ sostenn tat-trasport bl-ilma Kwalunkwe attività marina oħra ta’ natura kummerċjali mwettqa minn bastiment f’ilmijiet ta’ interess reċiproku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 721, 722, 745, kwalunkwe attività marina oħra ta’ natura kummerċjali mwettqa minn bastiment
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Obbligi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta’ Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura relatata mal-implimentazzjoni ta’ ftehimiet, arranġamenti u impriżi formali jew informali oħrajn ma’ pajjiżi oħra fir-rigward ta’ attivitajiet marittimi f’ibħra ta’ interess reċiproku f’oqsma bħall-kontroll tat-tniġġis (inklużi rekwiżiti ta’ buq doppju għat-tankijiet taż-żejt), in-navigazzjoni sikura, l-istandards ta’ spezzjoni ta' ċattra, il-kwalità tal-ilma, il-pilotaġġ, is-salvataġġ, il-kontroll tal-abbuż mid-drogi u l-komunikazzjonijiet marittimi.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-16

Settur:	Trasport
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 07
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward tan-numru jew it-tip ta' entità ġuridika li timmaniġġja u topera l-infrastruttura tat-trasport li hija l-proprjetà jew ikkontrollata mill-Kanada.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-17

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Is-sottosetturi kollha tat-trasport, ħlief dawn is-sottosetturi li ġejjin: Servizzi ta’ stazzjon u depożitu tal-kontejners marittimi Servizzi ta’ aġenzija marittima Servizzi marittimi ta’ dispaċċ tal-merkanzija Servizzi ta' tiswija u ta’ manutenzjoni tal-ajruplani Sistemi ta’ prenotazzjoni kompjuterizzata Trasport ta’ passiġġieri u merkanzija bil-ferrovija Manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir tat-trasport bil-ferrovija Servizzi ta’ tiswija n.e.c. ta’ vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers, fuq bażi ta’ tariffa jew kuntratt Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' muturi u vetturi ta' fuq is-silġ (snowmobiles) Servizzi tal-immaniġġar tal-merkanzija għal trasport fuq l-art Servizzi ta’ ħżin u magazinaġġ għat-trasport fuq l-art Servizzi ta’ aġenżija tat-trasport tal-merkanzija għat-trasport fuq l-art Servizzi ta’ appoġġ u servizzi awżiljarji oħrajn ta’ trasport fuq l-art

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 07, CPC 51, CPC 61, CPC 886 u kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa jew fir-rigward ta' bastiment, inġenju tal-ajru, vettura jew tagħmir tat-trasport bil-ferrovija, minbarra: CPC 6112 CPC 6122 CPC 7111 CPC 7112 CPC 741 (limitata għal servizzi ta' trasport fuq l-art) CPC 742 (limitata għal servizzi ta' trasport fuq l-art) CPC 7480 (limitata għal servizzi ta' trasport fuq l-art) CPC 7490 (limitata għal servizzi ta' trasport fuq l-art) CPC 8867 CPC 8868 (limitata għal tagħmir tat-trasport bil-ferrovija) Servizzi ta' sistema ta' prenotazzjoni kompjuterizzata kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet) Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u l-Artikolu 9. 1 (Definizzjonijiet) Servizzi tal-istazzjon tal-kontejners marittimi u servizzi ta' depożitu, servizzi ta' aġenzija marittima, servizzi ta' dispaċċ ta' merkanzija marittima kif definiti fl-Artikolu 14. 1 (Definizzjonijiet)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi, u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mal-ħatra, l-istabbiliment, l-espansjoni, jew l-operat ta' monopolji jew fornituri ta' servizzi esklussivi fis-settur tat-trasport.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-18

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta’ trasport ta’ appoġġ u awżiljarji Servizzi ta’ groundhandling kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 74, servizzi ta’ groundhandling kif definiti fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 9.1 (Definizzjonijiet)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tillimita l-għadd ta’ forniturі ta’ xi servizzi ta’ transport ta’ appoġġ u awżiljarji relatati ma’: l-immaniġġjar tal-passiġġieri, tal-merkanzija, tat-tagħbija (inkluża l-posta) u l-mezzi ta’ trasport li jappoġġjaw it-trasportaturi tal-ajru, fl-ajruporti, fejn il-limitazzjonijiet fiżiċi jew operattivi jirriżultaw primarjament bħala riżultat ta’ kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà jew ta' sikurezza. 2. Għal aktar ċertezza, fil-każ ta' servizzi ta' groundhandling, din ir-riżerva ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Kanada skont *il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha*, magħmul fi Brussell fis-17 ta’ Diċembru 2009 u f’Ottawa fit-18 ta’ Diċembru 2009.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-19

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPS 8676
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li taffettwa l-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni statutorja ta' bastimenti f'isem il-Kanada. 2. Għal aktar ċertezza, persuna, soċjetà ta' klassifikazzjoni jew organizzazzjoni oħra awtorizzata mill-Kanada biss tista' twettaq spezzjonijiet statutorji u toħroġ Dokumenti Marittimi Kanadiżi lil bastimenti Kanadiżi rreġistrati u t-tagħmir tagħhom f'isem il-Kanada.
Miżuri Eżistenti:	

Riżerva II-C-20

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment** 1. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura li tagħti trattament differenzjali taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali fis-seħħ jew iffirmati qabel l-1 ta' Jannar, 1994. 2. Il-Kanada tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżura li tagħti trattament differenzjali abbażi ta' ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti dwar: (a) l-avjazzjoni; (b) is-sajd; jew (c) materji marittimi, inkluż is-salvataġġ.
Miżuri Eżistenti:	